KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 28**

**L-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' għal-laqgħa annwali ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-19:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

Ħadd

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**UFFICJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Tlieta (3)

## 28.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**28.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill ħa vot fuq din it-talba.

**Favur** 2 **Kontra** 3 **Astensjonijiet** 3

Din it-talba ma ġietx aċċettata u għalhekk il-Kunsillier Johann Borg se jiġi mniżżel assenti.

## 28.02 Introduzzjoni mis-Sindku Scott Camilleri

**28.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri ppresjeda l-laqgħa annwali. Hu beda billi rringrazzja lill-kunsilliera kollha u lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat li kienu preżenti għal din il-laqgħa. Irringrazzja wkoll lil dawk kollha li qed isegwu l-laqgħa online. Huwa qal li fir-rapport amministrattiv se jingħata rendikont ta' ħidmet il-Kunsill Lokali matul is-sena li għaddiet u kif ukoll se tingħata ħarsa lejn il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali.

## 28.03 Rapport Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2025

**28.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie mħejji u approvat fl-aħħar seduta mill-kunsilliera, fejn fost oħrajn semma fid-dettall il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2025. Huwa sellem ukoll il-memorja tal-membri tal-Kunsill li, sfortunatament, ħallewna f'dan il-perjodu. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dok. A'.

## 28.04 Intervent mill-pubbliku preżenti

**28.04.01** Xejn.

## 28.05 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**28.05.01** Il-laqgħa annwali 2026 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ntemmet fit-20:00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha. Is-seduta tal-Kunsill hi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 14 ta' April 2026, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 14 ta' April 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |